IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.1.2014
SWD(2014) 10 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

dwar netwerk Ewropew ta' Servizzi tal-Impjiegi, l-aċċess tal-ħaddiema għal servizzi ta' mobilità u l-integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tax-xogħol Ewropej

{COM(2014) 6 final}
{SWD(2014) 9 final}

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

dwar netwerk Ewropew ta' Servizzi tal-Impjiegi, l-aċċess tal-ħaddiema għal servizzi ta' mobilità u l-integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tax-xogħol Ewropej

1. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

1.1. Il-mobilità għat-tkabbir

Il-mobilità tiġġenera benefiċċji soċjali u ekonomiċi. Mobilità akbar fis-suq tax-xogħol ġewwa l-UE għandha tkabbar l-opportunitajiet ta' xogħol għall-ħaddiema u tgħin lil dawk li jħaddmu jimlew il-postijiet tax-xogħol tagħhom aħjar u aktar malajr. Din tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' suq tax-xogħol Ewropew b'livell għoli ta' impjieg (l-Artikolu 9 tat-TUE). Swieq tax-xogħol aktar integrati jippermettu lill-ekonomiji interdipendenti tal-UE jaġġustaw aħjar għax-xokkijiet asimmetriċi.

1.2. Ir-rieda akbar tal-ħaddiema li jkunu mobbli mhux irrealizzata

Kien hemm żieda sinjifikanti fl-għadd ta' ħaddiema li jindikaw "intenzjonijiet sodi" (jiġifieri l-proporzjon ta' dawk li jippjanaw li jemigraw fit-12-il xahar li ġejjin) li jiċċaqilqu sabiex jaħdmu barra l-pajjiż. Ir-reġistrazzjonijiet fuq il-portal tal-EURES juru wkoll żieda.

Illum, huma biss medja ta' madwar 325.000 persuna fis-sena li jiċċaqilqu minn pajjiżhom biex jaħdmu fi Stat Membru ieħor, filwaqt li l-estrapolazzjonijiet fuq l-istħarriġ juru li fil-fatt hemm madwar 2.9 miljun ċittadin tal-UE li jixtiequ jiċċaqilqu minn pajjiżhom fit-12-il xahar li ġejjin (1.2M tal-popolazzjoni tal-UE). Din il-figura tirrappreżenta potenzjal sinjifikanti ta' mobilità u sfida għan-netwerk tal-EURES.

L-aktar diffikultajiet prattiċi komuni mistennija jew li fil-fatt jiġu ffaċċjati huma n-nuqqas ta' ħiliet lingwistiċi rilevanti meħtieġa sabiex il-persuna tieħu l-impjieg u d-diffikultajiet sabiex persuna ssib impjieg. L-UE tista' tikkontribwixxi għall-punt imsemmi l-aħħar billi tqajjem kuxjenza dwar l-opportunitajiet ta' xogħol madwar l-Unjoni u billi tiżviluppa servizzi ta' appoġġ xierqa bil-għan li tinkoraġġixxi r-reklutaġġ ġewwa l-UE. Dan sejjer ikun il-kompitu tan-netwerk tal-EURES.

1.3. In-netwerk tal-EURES

L-EURES huwa netwerk ta' kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u s-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) tal-Istati Membri fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), jiġifieri l-Istati Membri tal-UE flimkien man-Norveġja, l-Islanda u l-Liechtenstein, għall-iskambju ta' postijiet tax-xogħol vakanti u l-iffaċilitar tal-mobilità tas-suq tax-xogħol ġewwa l-UE. Illum il-ġurnata, jeżistu ħames nuqqasijiet prinċipali fil-funzjonament tan-netwerk tal-EURES:

– ġabra inkompleta ta' postijiet tax-xogħol vakanti u CVs aċċessibbli fil-livell tal-UE għall-Istati Membri kollha (**it-trasparenza tas-swieq tax-xogħol**);

– kapaċità ta' tqabbil limitata tal-portal tal-EURES li jlaqqa' flimkien il-postijiet tax-xogħol vakanti u s-CVs fil-livell tal-UE, minħabba l-livell limitat ta' interoperabbiltà

semantika tad-dejta li tiġi minn sistemi nazzjonali ta' postijiet tax-xogħol vakanti (**potenzjal ta' tqabbil awtomatizzat**);

– aċċess irregolari għas-servizzi tal-EURES madwar l-UE minħabba li dawk li jfittxu x-xogħol u dawk li jħaddmu ma jirċevux l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar in-netwerk tal-EURES b'mod sistematiku u lanqas ma jirċievu offerta għal aktar assistenza fl-ewwel stadju tar-reklutaġġ (**mainstreaming**);

– disponibbiltà limitata ta' assistenza fit-tqabbil tal-impjiegi mal-ħiliet u l-kwalifiki, fir-reklutaġġ u fil-kollokament għal dawk li qegħdin ifittxu x-xogħol u dawk li jħaddmu li indikaw interess fil-mobilità tax-xogħol ġewwa l-UE, inkluż sabiex jiksbu aċċess għal miżuri attivi li jirrigwardjaw is-suq tax-xogħol u għal informazzjoni u pariri dwar is-sigurtà soċjali (**servizzi ta' appoġġ**);

– skambju ineffiċjenti ta' informazzjoni dwar is-suq tax-xogħol bejn l-Istati Membri rigward in-nuqqas u l-eċċess ta' xogħol nazzjonali, li jfixkel il-kooperazzjoni prattika aktar immirata fin-netwerk tal-EURES (**skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni).**

1.3.1. Ġabra inkompleta ta' postijiet tax-xogħol vakanti u CVs aċċessibbli fil-livell tal-UE

Huwa stmat li, bħala medja, madwar 30% biss tal-impjiegi nazzjonali vakanti jitpoġġew fuq il-Portal tal-EURES. Dan il-proporzjon ivarja b'mod wiesa' bejn il-pajjiżi, minn 80% mir-Repubblika Ċeka għal 0% mill-Bulgarija u l-Kroazja[1].

Bħalissa ma qiegħed isir ebda skambju elettroniku awtomatizzat ta' CVs jew ta' informazzjoni oħra dwar il-profili ta' persuni li qegħdin ifittxu x-xogħol fil-livell Ewropew. L-iskambju tas-CVs isir b'mod manwali bejn il-konsulenti tal-EURES. In-numru ta' CVs koperti minn din il-prattika huwa baxx u l-kapaċità tat-tqabbil li ġejja minn dan hija b'hekk limitata ħafna. In-nuqqas ta' trasparenza fuq is-CVs jillimita l-opportunitajiet għal dawk li jħaddmu sabiex isibu kandidati potenzjali bil-ħiliet u l-kompetenzi mixtieqa u meħtieġa. Tali nuqqas mhux biss jillimita l-opportunitajiet ta' awto-servizz, iżda jillimita wkoll l-effikaċja tal-appoġġ li jiġu pprovduti bih mill-Konsulenti tal-EURES minħabba li jkollhom jiddependu fuq l-aċċess indirett tas-CVs permezz tal-Konsulenti tal-EURES f'pajjiżi oħrajn, minflok ikollhom aċċess dirett.

1.3.2. Kapaċità limitata tal-portal tal-EURES

Tqabbil ta' kwalità għolja tal-impjiegi vakanti mal-persuni li qegħdin ifittxu x-xogħol fil-livell tal-UE jirrikjedi sistema ta' klassifikazzjoni xierqa u standards komuni maqbula kemm fuq l-informazzjoni dwar l-impjieg vakanti kif ukoll fuq l-informazzjoni fis-CV. Bħalissa, il-portal tal-EURES, bħal ħafna sistemi nazzjonali, qiegħed juża l-Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Mestieri (ISCO).

L-ISCO mhijiex iddettaljata biżżejjed bħala strument li jintuża sabiex jappoġġja t-tqabbil għall-impjiegi. Il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tiżviluppa klassifikazzjoni Ewropea dwar il-ħiliet, il-kompetenzi, il-kwalifiki u l-mestieri (li għalissa qiegħda tissejjaħ ESCO). L-Istati Membri mhumiex obbligati li jiżguraw l-immappjar bejn is-sistemi nazzjonali tagħhom u din il-klassifikazzjoni Ewropea bil-għan li jippermettu t-tqabbil awtomatizzat Ewropew.

1.3.3. Aċċess irregolari għas-servizzi tal-EURES madwar l-UE

In-nuqqas ta' approċċ konsistenti għall-organizzazzjoni tal-informazzjoni bażika pprovduta lill-utenti potenzjali u għall-aċċess għas-servizzi tal-EURES jista' jwassal għal riskju li

[1] BG, HR: Nuqqas ta' interoperabilità teknika bejn is-sistemi nazzjonali u l-EURES. Intant, bħalissa għaddejja ħidma sabiex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni.

jispiċċaw jintilfu l-opportunitajiet ta' xogħol u mobilità minħabba li l-utenti ma jkunux konxji għal kollox ta' liema servizzi jistgħu jistennew jew tal-fatt li s-servizzi jiġu fi tmiemhom fil-fruntieri nazzjonali minħabba n-nuqqas ta' kontroparti li tipprovdi s-servizz neċessarju fil-pajjiż l-ieħor.

1.3.4. Servizzi ta' appoġġ għall-mobilità

Is-servizzi attwali tal-EURES għandhom tliet limitazzjonijiet: (a) il-biċċa l-kbira tas-servizzi jikkonsistu minn informazzjoni u gwida ta' natura ġenerali u ma jappoġġjawx it-tqabbil tal-impjiegi mal-ħiliet u l-kwalifiki, il-kollokament jew ir-reklutaġġ; (b) l-aċċess għal miżuri attivi li jirrigwardjaw is-suq tax-xogħol (ALMPs) għall-mobilità 'out-bound' mhuwiex issalvagwardjat u (ċ) hemm interazzjoni u/jew koordinazzjoni inadegwata mas-servizzi li jindirizzaw ostakoli oħrajn għall-mobilità, bħal dawk relatati mas-sigurtà soċjali u l-assistenza soċjali.

1.3.5. Skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni

L-Istati Membri jistgħu jaġġustaw il-politika tagħhom dwar il-mobilità fid-dawl tal-iżviluppi ekonomiċi li jaffettwaw is-swieq tax-xogħol nazzjonali tagħhom, iżda dan mhuwiex qiegħed isir b'mod sistematiku u ċertament mhux f'konsultazzjoni ma' Stati Membri oħrajn. Għandu jkun hemm għodod u proċeduri sabiex tiġi eżaminata b'mod konġunt l-intelliġenza intiża biex tappoġġja l-iżvilupp ta' tweġiba miftiehma.

Kooperazzjoni transnazzjonali effettiva fuq il-mobilità tax-xogħol ġewwa l-UE tippresupponi ftehim dwar objettivi komuni (viżjoni komuni) u qafas għall-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri f'livell operattiv, li jimplikaw skambju sistematiku u intensiv ta' informazzjoni, għodod komuni u distribuzzjoni ċara tar-responsabbiltajiet. Madankollu, illum la hemm fis-seħħ ftehim dwar l-objettivi komuni u lanqas qafas għall-koordinazzjoni.

1.4. Min huwa affettwat u kif

L-aktar gruppi affettwati huma l-ħaddiema, b'mod partikolari dawk li qegħdin ifittxu impjieg u dawk li jħaddmu.

L-intenzjonijiet sodi fost il-ħaddiema li jkunu mobbli għadhom ma ġewx irrealizzati. It-trasparenza limitata tal-postijiet tax-xogħol vakanti u l-appoġġ insuffiċjenti sabiex jingħelbu diffikultajiet prattiċi, bħal li persuna ssib impjieg u li taġġusta għall-kultura u l-lingwa ta' Stati Membri oħrajn, ixekklu l-eżerċitar volontarju tad-dritt għal-libertà tal-moviment tal-ħaddiema.

Dawk li jħaddmu ma għandhomx aċċess għall-ġabra ta' talenti disponibbli fis-suq tax-xogħol Ewropew. Dan huwa partikolarment inkwetanti għal dawk li jħaddmu li qegħdin joffru postijiet tax-xogħol meqjusa bħala impjiegi konċentrati fis-suq tax-xogħol lokali tagħhom, iżda fejn il-persuni li qegħdin ifittxu x-xogħol bil-ħiliet u l-kompetenzi addattati huma disponibbli fi bnadi oħra tal-Unjoni.

1.5. Il-ħtieġa għal intervent

Il-kawżi ewlenin tan-nuqqasijiet huma relatati mal-qafas attwali għall-EURES:

– **L-obbligi ambigwi tal-Istati Membri**, li jwasslu għal kamp ta' applikazzjoni wiesa' għall-interpretazzjoni u li jippermettu lill-Istati Membri jevitaw li jittrasmettu l-informazzjoni pertinenti kollha dwar is-suq tax-xogħol u l-postijiet tax-xogħol vakanti u li jżommu l-ostakoli amministrattivi u l-burokrazija fl-aċċess kemm ta' dawk li qegħdin ifittxu x-xogħol kif ukoll ta' dawk li jħaddmu għall-informazzjoni dwar is-suq tax-xogħol tal-UE;

– **In-nuqqas ta' rieda biżżejjed tal-Istati Membri li jipprovdu servizzi volontarjament lil dawk li jkunu qegħdin ifittxu x-xogħol u lil dawk li jħaddmu f'dak li għandu x'jaqsam mal-mobilità tax-xogħol ġewwa l-UE**, b'mod partikolari f'termini tat-tqegħid tal-postijiet tax-xogħol vakanti fuq il-portal tal-EURES, tal-viżibilità tal-impjiegi vakanti Ewropej fuq il-portals tax-xogħol nazzjonali u tal-aċċess għas-servizzi ta' appoġġ fir-rigward tal-mobilità;

– **Id-dipendenza eċċessiva fuq il-kollaborazzjoni volontarja tal-Istati Membri għall-funzjonament tan-netwerk tal-EURES b'mod ġenerali**, li twassal għal progress insuffiċjenti lejn il-bini ta' sistemi kollaborattivi, b'mod partikolari fuq l-iskambju awtomatiku tas-CVs, fuq il-kopzjoni ta' servizzi ta' impjiegi privati fis-sistema tal-EURES f'livell nazzjonali u fuq it-tnedija ta' katalogu dwar is-servizz komuni tal-mobilità;

– **In-nuqqas ta' approċċ koerenti fuq kif u meta jidħol fl-azzjoni l-EURES, bħala netwerk deċentralizzat għall-kooperazzjoni transnazzjonali, li jħalli lill-Istati Membri joperaw f'żona griża fir-rigward tal-interessi nazzjonali u Ewropej,** fin-nuqqas ta' linji politiċi dwar il-mobilità li jidderieġu l-koordinazzjoni tal-azzjonijiet bejn l-Istati Membri fi ħdan in-netwerk tal-EURES;

– **Is-setgħat ta' koordinazzjoni limitati tal-Kummissjoni**, li jikkostrinġu serjament lill-għodod tal-politika milli jindirizzaw il-lakuni fil-funzjonament tan-netwerk tal-EURES, b'mod partikolari fuq l-iżvilupp tal-għodod u l-mezzi għall-approvazzjoni u l-analiżi tal-intelliġenza dwar is-suq tax-xogħol.

2. ANALIŻI TAS-SUSSIDJARJETÀ

Il-bażi legali tal-EURES għandha tinstab fl-Artikoli 45 u 46 tat-TFUE u, b'mod partikolari, fl-Artikolu 46 tat-TFUE li jirreferi għal kooperazzjoni mill-qrib bejn is-servizzi tal-impjiegi nazzjonali u jipprovdi għat-twaqqif ta' makkinarju xieraq sabiex l-offerti ta' impjiegi jinġiebu f'kuntatt mal-applikazzjonijiet għax-xogħol.

Din l-inizjattiva tirrispetta l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Il-miżuri speċifiċi individwali f'din il-proposta huma interkonnessi mill-qrib. Huma jirrinforzaw lil xulxin u flimkien għandhom jagħmlu n-netwerk tal-EURES strument effettiv għal kwalunkwe persuna li tkun qiegħda tfittex ix-xogħol jew li tħaddem in-nies magħha li tkun interessata fil-mobilità tax-xogħol ġewwa l-UE. Is-sett ta' miżuri huwa meqjus bħala xieraq fid-dawl tas-sitwazzjoni tal-persuni qiegħda fis-swieq tax-xogħol, il-ħtiġijiet indirizzati minn dawk li qegħdin ifittxu x-xogħol ("intenzjonijiet sodi") u l-evoluzzjonijiet (teknoloġiċi) fis-swieq tal-postijiet tax-xogħol u r-reklutaġġ.

Billi kemm l-approvazzjoni tal-postijiet tax-xogħol vakanti, tal-applikazzjonijiet għax-xogħol u tas-CVs tul il-fruntieri kif ukoll il-kollokament konsegwenti tal-ħaddiema jippresupponu qafas komuni għall-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet fi Stati Membri differenti, l-għan tal-proposta ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri weħidhom u, għaldaqstant, jeħtieġ li tittieħed azzjoni fil-livell tal-UE.

Il-miżuri ma jmorrux 'lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet.

Il-libertà tal-moviment tal-ħaddiema tikkostitwixxi dritt fundamentali u l-għan ta' dan l-istrument huwa tabilħaqq li jsaħħaħ tali dritt billi jiffaċilita l-eżerċitar tiegħu.

3. GĦANIJIET

L-għan ġenerali ta' din l-inizjattiva huwa li tersaq aktar lejn suq tax-xogħol Ewropew integrat. Dan jimplika li l-EURES isir strument effettiv għal kwalunkwe ħaddiem, persuna li qiegħda tfittex ix-xogħol jew li tħaddem in-nies magħha fl-UE b'interess fil-mobilità tax-xogħol ġewwa l-UE.

Bil-għan li jintlaħaq dan l-għan ġenerali, ġew identifikati l-**għanijiet speċifiċi** li ġejjin:

1. Li fuq il-portal tal-EURES titpoġġa provvista kważi kompleta ta' postijiet tax-xogħol vakanti, b'dawk li qegħdin ifittxu x-xogħol minn madwar l-Ewropa kollha jkollhom aċċess immedjat għall-istess postijiet tax-xogħol vakanti, flimkien ma' ġabra estensiva ta' CVs disponibbli li minnhom ikunu jistgħu jagħżlu u jirreklutaw l-impjegaturi rreġistrati;
2. Li l-portal tal-EURES jitħalla jwettaq tqabbil awtomatizzat tajjeb bejn il-postijiet tax-xogħol vakanti, l-applikazzjonijiet għax-xogħol u s-CVs, jittraduċi fil-lingwi kollha tal-UE u jifhem il-ħiliet, il-kompetenzi, il-mestieri u l-kwalifiki miksuba f'livell nazzjonali;
3. Li titpoġġa informazzjoni bażika disponibbli fuq in-netwerk tal-EURES għal kwalunkwe persuna li qiegħda tfittex ix-xogħol jew li tħaddem in-nies magħha f'kull parti tal-Unjoni li tkun qiegħda tfittex servizzi ta' klijenti għar-reklutaġġ, kif ukoll li kwalunkwe persuna interessata tiġi offruta aċċess konsistenti għan-netwerk tal-EURES;
4. Li tingħata assistenza lil kwalunkwe persuna interessata bi tqabbil, kollokament u reklutaġġ permezz tan-netwerk tal-EURES;
5. Li jiġi appoġġjat il-funzjonament tan-netwerk tal-EURES permezz ta' skambju ta' informazzjoni dwar in-nuqqas u l-eċċess ta' xogħol nazzjonali u li jiġu kkoordinati l-azzjonijiet fl-Istati Membri.

4. GĦAŻLIET TA' POLITIKA

4.1. Għażla 1: "Ebda azzjoni ġdida"

L-adattamenti diġà mibdija (Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-EURES 2012) fil-funzjonament tan-netwerk, l-organizzazzjoni tax-xogħol bejn l-atturi differenti, l-għanijiet operattivi tal-EURES u d-definizzjoni tal-offerti tas-servizzi sejrin jissoktaw fl-ambitu tar-Regolament eżistenti 492/2011 kif inhu llum.

4.2. Għażla 2: "Lisbonizzazzjoni"

Din l-għażla timmira għal riżoluzzjoni malajr tat-talba mressqa mill-Parlament Ewropew mingħajr ma tintroduċi bidliet ulterjuri meta mqabbla mal-istatus quo. Hija tinvolvi żewġ azzjonijiet suċċessivi: l-ewwelnett, li jinbidel l-Artikolu 38 tar-Regolament 492/2011 u li tiġi approvata l-emenda sussegwenti ta' dan ir-Regolament f'dak li għandu x'jaqsam mas-setgħat li għandhom jingħataw lill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tar-Regolament 492/2011 skont id-dispożizzjonijiet ġodda tat-Trattat ta' Lisbona u, it-tieni, li tiġi mnedija l-proċedura għal Deċiżjoni ġdida tal-EURES skont ir-Regolament rivedut.

4.3. Għażla 3: "L-Immodernizzar u t-Tisħiħ tal-EURES"

Din l-għażla għandha tirrinforza l-qafas regolatorju tal-EURES billi tikkombina l-immodernizzar tad-dispożizzjonijiet dwar il-makkinarju fuq l-approvazzjoni tal-postijiet tax-xogħol vakanti u l-applikazzjonijiet għax-xogħol mar-rinfurzar tal-kunsinna tal-offerta tas-servizzi tal-EURES u r-razzjonalizzazzjoni tal-funzjonament tan-netwerk tal-EURES.

B'din l-għażla, il-bażi legali tal-EURES sejra tiġi integrata f'Regolament wieħed, l-obbligi eżistenti sejrin jissaħħu, filwaqt li mistennija jiżdiedu obbligi ġodda fir-rigward tal-aspetti li ġejjin:

- **It-trasparenza tas-swieq tax-xogħol (Trasparenza):** L-obbligi attwali għall-iskambju tal-postijiet tax-xogħol vakanti sejrin jiġu rrinforzati u kkjarifikati permezz tal-introduzzjoni ta' obbligi ġodda għall-Istati Membri (a) sabiex jagħmlu disponibbli għall-EURES il-postijiet tax-xogħol vakanti kollha li jiġu ppubblikati fuq livell nazzjonali; (b) sabiex jagħmlu disponibbli għall-EURES is-CVs tal-persuni kollha li qegħdin ifittxu x-xogħol u (ċ) sabiex jagħmlu l-portal tal-EURES marbut ma', viżibbli b'mod ċar fuq u li jista' jitfittex permezz tal-portals nazzjonali kollha ta' tfittxija għall-impjiegi, sabiex b'hekk jiffaċilitaw l-aċċess għall-postijiet tax-xogħol vakanti Ewropej f'livell ta' prossimità.
- **Interoperabilità mtejba (Potenzjal ta' tqabbil awtomatizzat):** L-Istati Membri ser ikunu obbligati li jiżguraw l-interoperabilità sħiħa skont formats u standards tekniċi bejn is-sistemi nazzjonali u l-portal tal-EURES. L-obbligu li tiġi żgurata l-interoperabilità jiddefinixxi s-sistema uniformi tar-Regolament, filwaqt li jitlobhom sabiex jużaw formats u standards tekniċi għat-twassil tal-postijiet tax-xogħol vakanti u s-CVs, anki fir-rigward tal-immappjar lejn u minn klassifikazzjonijiet.
- **Mainstreaming:** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk kollha li qegħdin ifittxu x-xogħol u dawk kollha li jħaddmu li jitolbu servizzi ta' klijenti b'servizz ta' impjieg, jirċievu jew isiru jafu b'informazzjoni bażika fuq in-netwerk tal-EURES u jintalbu jgħidu espliċitament jekk jixtiqux li jingħataw aktar assistenza ("offerta tal-EURES").
- **Aċċess imtejjeb tal-ħaddiema għas-servizzi ta' appoġġ għall-mobilità (servizzi ta' appoġġ):** L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-aċċess għall-assistenza fir-reklutaġġ u t-tfittxija għall-impjiegi għall-persuni kollha li qegħdin ifittxu x-xogħol u dawk li jħaddmu n-nies magħhom li indikaw li jixtiequ jagħmlu użu min-netwerk tal-EURES. Barra minn hekk, l-aċċess għal miżuri attivi li jirrigwardjaw is-suq tax-xogħol (ALMPs) għandu jkun indipendenti min-nazzjonalità tal-ħaddiem tal-UE jew mill-post tal-impjieg. Minbarra dan, għandhom jiġu pprovduti assistenza u informazzjoni speċifiċi (referenzi għall-awtorità kompetenti) fir-rigward tas-sigurtà soċjali.
- **Skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni:** L-Istati Membri sejrin jiġu obbligati a) jiskambjaw intelliġenza dwar is-suq tax-xogħol; b) jikkoordinaw l-azzjoni skont l-intelliġenza miġbura.

4.4. Għażla 4: "L-Għażla 3 flimkien mal-ftehimiet ta' sħubija tal-UE""

L-għażla 4 tinkludi l-immodernizzar tan-netwerk tal-EURES kif deskritt fl-għażla 3, filwaqt li żżid mandat għall-Kummissjoni sabiex tidħol fi sħubiji madwar l-UE kollha ma' servizzi tal-impjiegi mhux pubbliċi.

Taħt l-għażla 3, l-Istati Membri jaġixxu bħala għassiesa għall-aċċess tas-servizzi tal-impjiegi mhux pubbliċi għan-netwerk tal-EURES. Min-naħa l-oħra, bl-għażla 4, il-Kummissjoni sejra tingħata wkoll is-setgħa li tipprovdi ftehimiet ta' sħubija fuq livell ugwali mal-Istati Membri. Għal dawn il-forniturі tas-servizzi, il-Kummissjoni sejra tieħu f'idejha wkoll id-doveri ta' akkumpanjament tal-Istati Membri fir-rigward tal-assigurazzjoni tal-kwalità, l-iżgurar tal-interoperabilità, eċċ. elenkati fil-punt 5.3.

5. VALUTAZZJONI TAL-IMPATTI

5.1. Għażla 1: Ebda azzjoni ġdida

B'mod ġenerali, il-proċess ta' riforma mibdi permezz tad-Deċiżjoni tal-2012 dwar l-EURES sejjer jinżamm. Madankollu, il-pass tal-implimentazzjoni tiegħu mistenni jitnaqqas minħabba li l-Kawża pendenti fil-Qorti introdużiet inċertezza legali fil-proċess.

Jekk il-Kummissjoni tistenna sakemm il-Qorti tieħu deċiżjoni, hija – impliċitament – tkun qiegħda tibgħat sinjal lill-partijiet involuti li l-isforzi tar-riforma jistgħu eventwalment jaqgħu lura.

Dan ifisser li din l-għażla għandha tiddestabbilizza u ddewwem ir-riforma modesta tad-Deċiżjoni tal-2012 u ovvjament ma jiġi indirizzat ebda wieħed min-nuqqasijiet identifikati hawn fuq.

5.2. Għażla 2: Lisbonizzazzjoni

Din l-għażla tesiġi li l-Kummissjoni taġixxi malajr fir-rigward tat-tnedija tal-proċedura għal Deċiżjoni skont ir-Regolament rivedut sabiex jiġi kkonfermat l-impenn kontinwu tal-EURES għar-riforma tal-2012.

Ir-reviżjoni tal-Artikolu 38 tar-Regolament 492/2011 sejra tipprovdi bażi għal aktar emendi fin-netwerk tal-EURES. Hija għandha tagħti ċ-ċans lill-Kummissjoni sabiex fil-ġejjieni tadotta atti ta' implimentazzjoni u/jew iddelegati abbażi tal-kapitolu II tar-Regolament. Bħala tali, hija tipprovdi bażi għal aktar riformi. Madankollu, tali riformi sejrin ikunu limitati għal elementi mhux essenzjali jew miżuri ta' implimentazzjoni, minħabba li ma jistgħux imorru 'lil hinn mill-ambitu attwali tar-Regolament.

Din l-għażla tista' tipprovdi bażi adegwata għall-kontinwazzjoni tat-trasparenza fis-swieq tax-xogħol u, sa ċertu punt, tal-mainstreaming.

Madankollu, l-għażla mhijiex ser issolvi kompletament in-nuqqasijiet fir-rigward tat-tqabbil awtomatizzat, fin-nuqqas ta' obbligu fuq l-immappjar bejn il-klassifikazzjoni nazzjonali u Ewropea, fir-rigward tal-mainstreaming, fin-nuqqas ta' obbligu li jiġu pprovduti informazzjoni bażika u riferiment fis-sitwazzjonijiet kollha fejn dawk li jħaddmu u dawk li qegħdin ifittxu x-xogħol jitolbu għas-servizzi ta' klijenti għar-reklutaġġ, fir-rigward tas-servizzi ta' appoġġ, fin-nuqqas ta' pakkett ta' servizzi maqbul b'mod formali, u fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni, fin-nuqqas ta' definizzjoni ċara tal-ambitu tal-iskambju ta' informazzjoni dwar l-intelliġenza tas-suq tax-xogħol. Għaldaqstant, din l-għażla mhijiex ser issolvi kompletament erbgħa min-nuqqasijiet li ġew identifikati.

5.3. Għażla 3: L-Immodernizzar u t-Tisħiħ tal-EURES

5.3.1. Trasparenza

Impatti

Iż-żieda fin-numru ta' postijiet tax-xogħol vakanti skambjati u ċċirkolati fuq livell Ewropew għandha ttejjeb iċ-ċansijiet għal dawk li qegħdin ifittxu x-xogħol sabiex isibu pożizzjonijiet miftuħa. L-għadd ta' postijiet tax-xogħol vakanti addizzjonali li sejrin ikunu disponibbli diffiċli jiġi vvalutat fin-nuqqas ta' ħarsa ġenerali komprensiva lejn il-ftehimiet differenti ma' atturi li ma għandhomx x'jaqsmu mal-PES fl-Istati Membri u fin-nuqqas ta' dejta suffiċjenti dwar id-daqs tal-postijiet tax-xogħol vakanti mal-PES f'livelli deċentralizzati.

Approċċ aktar sistematiku għall-ġbir u l-iskambju ta' applikazzjonijiet għax-xogħol u CVs fuq il-portal tal-EURES għandu jtejjeb iċ-ċansijiet għal dawk li jħaddmu li jsibu kandidati xierqa disponibbli għall-postijiet tax-xogħol offruti minnhom.

It-tqegħid tal-impjiegi vakanti tal-EURES fuq portals nazzjonali għat-tfittxija tal-impjiegi għandu jipprovdi lil dawk li qegħdin ifittxu x-xogħol b'aċċess aktar faċli għal opportunitajiet ta' xogħol fl-Ewropa. Billi l-portals nazzjonali għat-tfittxija tal-impjiegi huma l-ewwel post naturali ta' tfittxija għax-xogħol, il-preżentazzjoni viżibbli b'mod ċar tal-għażla ta' tfittxija għal postijiet tax-xogħol vakanti fl-Ewropa tipprovdi lil dawk li qegħdin ifittxu x-xogħol bi stampa aktar kompleta tal-opportunitajiet għax-xogħol.

Spejjeż

L-Istati Membri kollha diġà ħolqu l-mekkaniżmu (jew għamlu t-tħejjijiet meħtieġa) li huwa intiż għall-iskambju tal-postijiet tax-xogħol vakanti mal-EURES. L-estensjoni ta' dawn il-mekkaniżmi sabiex jinkludu informazzjoni tas-CVs tikkawża xi spejjeż li, madankollu, l-ammont tagħhom għandu jiddependi fuq numru ta' fatturi. Jekk is-sistemi eżistenti jistgħu jiġu estiżi sabiex jinkludu s-CVs, l-ispiża tista' tkun relattivament baxxa; min-naħa l-oħra, jekk ikun hemm bżonn li tiddaħħal fis-seħħ sistema kompletament ġdida, l-ispejjeż ikunu ferm ogħla. Ħafna mis-softwer li huwa meħtieġ sejjer jingħata mill-Kummissjoni mingħajr ebda ħlas. Bħala stima approssimattiva, l-ispiża sabiex tiġi żviluppata sistema ġdida tista' tkun ta' madwar 100,000 EUR, flimkien ma' madwar 12,000 EUR oħra fis-sena għall-manutenzjoni.

Bl-API, kull fornitur tas-servizzi tal-EURES ikun jista' jimplimenta d-dejta tal-EURES lura għas-servizz online tiegħu bi spejjeż baxxi. Huwa stmat li l-integrazzjoni tieħu xi jiem ta' xogħol u tkun tinvolvi 3 jew 4 persuni.

5.3.2. Tqabbil awtomatizzat

Impatt

Il-benefiċċji ta' standards Ewropej komuni huma ovvji: huma jagħtu ċ-ċans lil dawk li qegħdin ifittxu x-xogħol u lil dawk li jħaddmu jifhmu ferm aħjar il-profil tal-kontroparti fis-suq. Tali standard tad-deskrizzjonijiet tal-impjiegi u tal-profili ta' dawk li qegħdin ifittxu x-xogħol f'livell Ewropew għandu jkun pass kbir ħafna lejn suq tax-xogħol Ewropew aktar integrat u fl-istess waqt għandu jagħmilha aktar attraenti għall-ħaddiema u għal dawk li jħaddmu li ġejjin minn pajjiżi differenti li jużaw il-portal tal-EURES.

L-ikkompletar tal-immappjar għall-ESCO mill-fornituri tas-servizzi kollha tal-EURES għandu jiffaċilita t-tqabbil madwar l-UE kollha tal-persuni mal-impjiegi disponibbli, filwaqt li jkunu jistgħu jittieħdu f'kunsiderazzjoni kemm il-profili tal-ħiliet individwali ta' dawk li qegħdin ifittxu x-xogħol, kif ukoll il-ħtiġijiet speċifiċi ta' dawk li jħaddmu. Billi l-ESCO sejra tkun multilingwi, il-lingwa tal-informazzjoni dwar is-suq tax-xogħol hija inqas rilevanti.

Spejjeż

L-adattament tas-sistemi tal-IT eżistenti għall-interoperabilità semantika Ewropea sħiħa għandu jġib miegħu spejjeż inizjali. Għal dawk il-PES (bħal Franza u r-Repubblika Ċeka) li għandhom is-sistemi ta' klassifikazzjoni tagħhom stess, li jinkludu kemm il-mestieri, kif ukoll il-ħiliet u l-kompetenzi, l-inventarju tal-immappjar meħtieġ lejn u minn ESCO jista' jsir bħala parti mill-aġġornamenti regolari li huma neċessarji għal sistemi bħal dawn. Għall-PES l-oħrajn (madwar 80% tal-PES totali), li jużaw klassifikazzjonijiet tal-mestieri bbażati fuq l-ISCO, ser ikun hemm bżonn li jitwettaq eżerċizzju ta' inventarju separat.

Huwa diffiċli li jiġu kkalkolati l-ispejjeż eżatti tal-immappjar, minħabba li dawn ivarjaw ħafna bejn l-Istati Membri, skont is-sistema li jkollhom fis-seħħ. Fil-fatt, sistema ta' tqabbil li tkun taħdem sewwa hija karatteristika elementari u kruċjali ta' istituzzjonijiet aġġornati fis-suq tax-xogħol u, għalhekk, l-ispiża għall-ħolqien u l-manutenzjoni ta' tali sistema ma għandhiex tiġi attribwita direttament għar-riforma tal-EURES weħidha. Konsegwentement, ir-riforma tal-EURES għandha titqies bħala opportunità – iżda mhux ir-raġuni – għall-implimentazzjoni ta' tali sistema.

L-għażla tat-trasferiment tal-klassifikazzjonijiet attwali u l-adozzjoni b'mod sħiħ tal-ESCO tibqa' miftuħa għal kulħadd. Din għandha tneħħi kwalunkwe spejjeż futuri ta' manutenzjoni u aġġornament għall-klassifikazzjonijiet nazzjonali.

5.3.3. Mainstreaming

Impatti

Approċċ komuni u aktar sistematiku għall-integrazzjoni tal-EURES fl-offerta tas-servizzi għandu jiżgura li dawk kollha interessati li jsibu impjieg u li jħaddmu n-nies magħhom madwar l-UE bażikament ikollhom l-istess livell ta' aċċess għall-EURES u li jirċievu informazzjoni ċara u kompleta dwar x'jista' jagħmel l-EURES, meta u kif.

L-estensjoni tal-provvista ta' informazzjoni bażika sabiex tkopri s-servizzi tal-impjiegi kollha li joffru servizzi ta' klijenti għandha timmultiplika l-effett tal-provvista tal-informazzjoni fuq in-netwerk tal-EURES għal dawk li qegħdin ifittxu x-xogħol u dawk li jħaddmu u b'hekk iżżid l-opportunitajiet ta' tqabbil 'lil hinn mis-sehem attwali tal-PES. Billi din tikkonċerna l-għodda ewlenija intiża sabiex tiżgura l-aċċess għall-gruppi ewlenin fil-mira, hija għandha tkun applikabbli biss għas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, irrispettivament minn jekk tali servizzi tal-impjiegi jagħżlux li jitolbu l-parteċipazzjoni u jekk jiġux aċċettati jew le bħala fornituri tas-servizzi tal-EURES (Imsieħba tal-EURES).

Spejjeż

Billi l-informazzjoni tal-EURES tista' tiġi inkluża fil-proċessi standard għall-immaniġġjar tal-klijenti, kemm għall-PES kif ukoll għal fornituri possibbli oħrajn ta' servizzi tal-EURES, l-ispejjeż amministrattivi għandhom ikunu baxxi.

L-Istati Membri li għandhom netwerks tal-EURES raġonevolment żviluppati sewwa mhumiex ser jaraw l-ispejjeż tagħhom jiżdiedu, minħabba li l-livelli tas-servizzi diġà laħqu jew qabżu r-rekwiżiti potenzjali jew inkella minħabba li hemm biżżejjed riżorsi disponibbli fi ħdan in-netwerks nazzjonali tal-EURES. Dawk il-PES li għamlu l-mainstreaming tal-EURES b'suċċess diġà qegħdin jinformaw lil dawk li qegħdin ifittxu x-xogħol permezz tal-proċessi standardizzati tagħhom.

5.3.4. Servizzi ta' appoġġ

Impatt

L-espansjoni tal-offerta tas-servizzi tal-EURES b'servizzi ta' appoġġ immirati għall-mobilità għandha tgħin lill-ħaddiema jegħlbu l-ostakoli għall-mobilità, minħabba li bħalissa ma għandhomx ir-riżorsi ekonomiċi meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jisfruttaw il-potenzjal tagħhom b'mod sħiħ jew jippreżentaw l-attrazzjoni tagħhom lis-suq tax-xogħol.

It-tneħħija tal-limitazzjonijiet ġeografiċi minn fuq il-programmi nazzjonali tas-suq tax-xogħol għal dawk li qegħdin ifittxu x-xogħol b'interess li jaħdmu fi Stat Membru ieħor tal-UE tipprovdi lill-persunal tal-EURES bl-istess għodod li huma disponibbli fis-swieq tax-xogħol nazzjonali bil-għan li tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għax-xogħol u jkunu jistgħu jimtlew il-postijiet tax-xogħol vakanti. Għaldaqstant, tali miżura għandha tipprovdi lill-ħaddiema b'aktar opportunitajiet.

Id-dispożizzjonijiet previsti għandhom jgħinu lil dawk li jħaddmu sabiex jimlew il-postijiet tax-xogħol vakanti tagħhom aktar malajr, billi n-netwerk tal-EURES sejjer jikkomplimenta b'mod aktar effettiv is-servizzi tal-impjiegi domestiċi. Permezz tan-netwerk tal-EURES, sejra tkun disponibbli ġabra usa' ta' kandidati, li għandha żżid il-potenzjal li jinstabu kandidati b'ħiliet adegwati. L-SMEs għandhom jibbenifikaw b'mod partikolari mit-tisħiħ tas-servizzi

għal dawk li jħaddmu, hekk kif mistenni jitnaqqas iż-żmien li jittieħed għar-reklutaġġ u, b'mod ġenerali, jitbaxxew l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet.

It-titjib, inkluż b'mod partikolari l-appoġġ sussegwenti għar-reklutaġġ, sejjer ikun aktar importanti għall-SMEs milli għall-impriżi l-kbar, li ta' spiss joħolqu sistemi għalihom stess sabiex jirreklutaw u jintegraw lill-ħaddiema minn barra l-pajjiż. Barra minn hekk, għalihom, il-ħlas għal dan it-tip ta' appoġġ huwa inqas sinjifikanti, filwaqt li l-SMEs jistgħu jkunu inqas lesti jew ma jkunux f'pożizzjoni li jagħmlu dan l-investiment.

Spejjeż

Il-maġġoranza tal-ispejjeż ġejjin minn servizzi individwali ta' appoġġ għall-mobilità, jiġifieri assistenza lil dawk li jfittxu x-xogħol u dawk li jħaddmu. Dawn l-ispejjeż jiddependu fuq in-natura tal-kunsinna u l-ħtiġijiet individwali. Bħala tali, huma varjabbli u f'relazzjoni diretta sabiex in-nies jiddaħħlu fid-dinja tax-xogħol. Il-programm ta' taħriġ tal-EURES, li huwa ffinanzjat mill-Kummissjoni taħt l-EaSI, jista' jkopri t-taħriġ tal-membri tal-persunal sabiex jiffokaw l-attivitajiet mill-ġdid fuq it-tqabbil, il-kollokament u r-reklutaġġ.

Safejn huma kkonċernati l-aċċess għall-miżuri attivi li jirrigwardjaw is-suq tax-xogħol (ALMPs) u, b'mod partikolari, il-korsijiet tal-lingwi, l-estimi interni jammontaw għal bejn 50 u 250 euro għal kull parteċipant. Fil-prinċipju, dawn għandhom ikopru l-korsijiet online li jieħdu madwar 6 xhur u li jinvolvu xi tagħlim fuq l-internet (irrispettivament mil-livell tal-kors). Madankollu, bħalissa l-ispiża qiegħda tonqos għal-lingwi kollha fis-suq u l-ekonomiji ta' skala jilagħbu parti importanti.

Abbażi ta' numru ta' suppożizzjonijiet, stima approssimattiva tagħti l-ispiża addizzjonali annwali ġenerali fuq l-informazzjoni u l-assistenza fit-tfittxija għall-impjiegi ta' madwar 33.3 miljun għall-informazzjoni u 16-il miljun għall-assistenza fit-tfittxija għall-impjiegi, rispettivament.

L-attivitajiet nazzjonali, b'mod partikolari l-funzjonament tan-netwerk tal-EURES fil-livell nazzjonali (l-Uffiċċju tal-Koordinazzjoni Nazzjonali) u l-iżvilupp ta' skemi speċifiċi ta' appoġġ għall-mobilità fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u transkonfinali, sejrin ikunu eliġibbli għal finanzjament skont il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) fil-perjodu 2014-2020, b'konformità mal-prijoritajiet ta' investiment xierqa.

L-Istati Membri jista' jkollhom il-possibbiltà li jittrasferixxu lill-membri tal-persunal eżistenti tal-EURES minn attivitajiet aktar ġenerali ta' informazzjoni u komunikazzjoni fuq in-netwerk tal-EURES għal attivitajiet ta' tqabbil, kollokament u reklutaġġ. Fil-prinċipju, l-ammont ta' aktar minn 900 konsulent tal-EURES fin-netwerk għandhom ikoll isiru esperti tat-tqabbil ġewwa l-UE u jiffokaw fuq l-eżiti tar-reklutaġġ. L-attivitajiet tagħhom ta' informazzjoni ġenerali mistennija jsiru inqas rilevanti, hekk kif fil-ġejjieni mistenni jkun il-mainstreaming li jattira l-klijenti u, fejn l-attivitajiet ta' promozzjoni ġenerali jibqgħu neċessarji, dawn jistgħu jitnaqqsu jew saħansitra jitħallew għall-membri tal-persunal tal-ewwel linja / inqas speċjalizzati u/jew għas-servizzi elettroniċi.

5.3.5. Il-governanza tal-EURES u l-kooperazzjoni bejn is-servizzi tal-impjiegi

Impatt

B'rapportar u monitoraġġ strutturat, li jipprovdu intelliġenza xierqa tas-suq tax-xogħol dwar l-eċċessi u n-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol, il-PES u l-forniturl-oħrajn tas-servizzi tal-EURES (Imsieħba tal-EURES) ser ikollhom l-informazzjoni meħtieġa sabiex jippjanaw b'mod konġunt l-attivitajiet ikkoordinati fi ħdan in-netwerk tal-EURES, pereżempju li jiżguraw li l-attivitajiet ikunu mmirati lejn is-setturi fejn il-kontribuzzjonijiet tagħhom ikunu l-aktar effiċjenti. L-ippjanar konġunt għandu jiżgura wkoll li jkun hemm appoġġ minn kontroparti fi

Stat Membru ieħor, pereżempju; iż-żieda tal-appoġġ għall-mobilità mmirat għal grupp speċifiku ta' ħaddiema mill-UE f'pajjiż tal-oriġini tiġi ssodisfata permezz tal-appoġġ meħtieġ għal dawk il-ħaddiema mill-UE fil-pajjiż benefiċjarju.

Spejjeż

L-Istati Membri jkollhom spiża inizjali sabiex jistabbilixxu s-sistema ta' informazzjoni, inklużi l-ispejjeż tas-servizz (ir-reviżjoni tal-mekkaniżmi sottostanti għall-ġbir tad-dejta fil-PES u l-analiżi tal-proċessi kummerċjali). Barra minn hekk, possibbilment jista' jkun hemm spejjeż tal-IT u tat-taħriġ relatati mal-proċessi kummerċjali aġġustati, spejjeż għall-analiżi jew l-introduzzjoni ta' protokolli tad-dejta ma' atturi li ma għandhomx x'jaqsmu mal-PES u spejjeż assoċjati mal-proċessi ta' konsultazzjoni xierqa fuq livell nazzjonali.

5.4. Għażla ta' politika 4: L-Għażla 3 flimkien ma' sħubiji madwar l-UE kollha ma' Servizzi Privati tal-Impjiegi

Impatti

Permezz ta' tali mekkaniżmu ta' awtorizzazzjoni fil-livell tal-UE, jista' jiġi żgurat aċċess aħjar għall-provvista ta' servizzi ta' mobilità fis-suq tax-xogħol, irrispettivament minn kwalunkwe kunsiderazzjonijiet nazzjonali. Dan preżumibbilment iżid in-numru ta' forniturі tas-servizzi tal-EURES (Imsieħba tal-EURES) meta din l-għażla titqabbel mal-għażla fejn il-forniturі tas-servizzi ġodda jiġu maqbula biss fil-livell tal-Istati Membri fi ħdan il-qafas tas-sistemi ta' awtorizzazzjoni nazzjonali. 'Lil hinn mill-ambitu tal-impatt fuq in-netwerk tal-EURES, din l-għażla jista' jkollha żewġ riperkussjonijiet usa' fis-suq għas-servizzi tal-impjiegi.

Hemm sensiela ta' preokkupazzjonijiet relatati mal-irwol tal-Kummissjoni u r-relazzjoni bejn il-Kummissjoni u Stati Membri individwali:

L-ewwelnett, hemm riskju li r-rwol estiż tal-Kummissjoni jinterferixxi mar-rwol ta' Stati Membri individwali. It-tieni, il-Kummissjoni għandha terfa' r-responsabbiltà diretta għall-assigurazzjoni tal-kwalità għall-attivitajiet imwettqa mill-forniturі tas-servizzi awtorizzati, filwaqt li llum ma jeżistux funzjonijiet bħal dawn fi ħdan is-servizzi tal-Kummissjoni. It-tielet, ir-riżultat jiddependi ħafna fuq ir-rieda tal-atturi kkonċernati, b'mod partikolari l-PrES, li jinvolvu ruħhom f'forma ġdida ta' kooperazzjoni, li jirrikonoxxu l-benefiċċji tal-parteċipazzjoni fin-netwerk tal-EURES, kif ukoll fuq il-ħtieġa li l-Kummissjoni ssib bażi kemm jista' jkun komuni, possibbilment bil-parteċipanti tal-PrES kollha kkonċernati.

Spejjeż

It-twaqqif ta' din is-sistema fil-livell tal-UE jkun relattivament għali f'termini tal-implikazzjonijiet tal-persunal għall-Kummissjoni. Filwaqt li probabbilment huwa biss l-immaniġġjar tar-relazzjonijiet bil-PrES ewlenin attivi fis-suq tax-xogħol Ewropew li huwa fattibbli mingħajr wisq spejjeż addizzjonali għall-persunal, bil-għan li s-sistema tal-UE ssir l-għażla ppreferuta għal numru aktar sostanzjali ta' PrES, hemm bżonn ta' żieda fil-membri tal-persunal li jkunu ddedikati għan-netwerk tal-EURES.

6. TQABBIL TAL-GĦAŻLIET

Għanijiet	Għażla 1 Ebda azzjoni	Għażla 2 Lisbonizzazzjoni	Għażla 3 Regolament ġdid	Għażla 4 Regolament ġdid flimkien ma' ftehimiet ta' shubija tal-UE
Sabiex titpoġġa fuq il-portal tal-EURES provvista virtwalment kompleta ta' postijiet tax-xogħol vakanti, bil-persuni li jfittxu x-xogħol minn madwar l-Ewropa kollha jkollhom aċċess immedjat għall-istess postijiet tax-xogħol vakanti (…)	Staġnar - Ebda żieda fil-kwantità tal-ġabra ta' postijiet tax-xogħol vakanti mistennija, għajr f'każ ta' sforzi volontarji	Pożittiva + Il-potenzjal għal żieda fil-kwantità tal-ġabra ta' postijiet tax-xogħol vakanti, fejn jiġu introdotti atti ta' implimentazzjoni dwar l-iskambju ta' aktar dejta	Pożittiva ħafna ++ Obbligu rrinforzat għall-Istati Membri sabiex jagħmlu l-postijiet tax-xogħol vakanti kollha disponibbli Il-possibbiltà għal postijiet tax-xogħol vakanti addizzjonali minħabba l-kooperazzjoni mal-PrES fil-livell nazzjonali	Pożittiva immens +++ Obbligu rrinforzat għall-Istati Membri sabiex jagħmlu l-postijiet tax-xogħol vakanti kollha disponibbli 'Lil hinn mill-possibbiltà, l-assigurazzjoni ta' postijiet tax-xogħol vakanti addizzjonali skont il-ftehimiet tal-UE ma' PrES ewlenin madwar l-UE
(…) flimkien ma' ġabra estensiva ta' CVs disponibbli li minnhom ikunu jistgħu jagħżlu u jirreklutaw l-impjegaturi rreġistrati	Staġnar - Ebda żieda fil-ġabra tas-CVs mistennija, għajr f'każ ta' sforzi volontarji	Pożittiva + Il-potenzjal għal żieda fil-kwantità tal-ġabra ta' CVs, fejn jiġu introdotti atti ta' implimentazzjoni dwar l-iskambju ta' aktar dejta	Pożittiva ħafna ++ Obbligu għall-Istati Membri sabiex jagħmlu s-CVs disponibbli Il-possibbiltà għal sforzi addizzjonali minħabba l-kooperazzjoni mal-PrES fil-livell nazzjonali	Pożittiva immens +++ Obbligu għall-Istati Membri sabiex jagħmlu s-CVs disponibbli. 'Lil hinn mill-possibbiltà, l-assigurazzjoni ta' sforzi addizzjonali skont il-ftehimiet tal-UE ma' parteċipanti ewlenin tal-PrES fil-livell tal-UE
Sabiex il-portal tal-EURES ikun jista' jwettaq tqabbil awtomatizzat tajjeb bejn il-postijiet tax-xogħol vakanti, l-applikazzjonijiet għax-xogħol u s-CVs, jittraduċi fil-lingwi kollha tal-	Pożittiva + Il-possibbiltà ta' tqabbil tajjeb, jekk wieħed jassumi l-	Pożittiva + Il-possibbiltà ta' tqabbil tajjeb, jekk wieħed jassumi l-	Pożittiva ħafna ++ L-obbligu ġdid għall-immappjar tal-ESCO għandu jiżgura tqabbil awtomatizzat	Pożittiva ħafna ++ L-obbligu ġdid għall-immappjar tal-ESCO għandu jiżgura tqabbil awtomatizzat

UE u jifhem il-ħiliet, il-kompetenzi, il-mestieri u l-kwalifiki meħtieġa f'livell nazzjonali	aderenza volontarja tal-biċċa l-kbira mill-Istati Membri, jekk mhux kollha, għall-istandards tal-ESCO	aderenza volontarja tal-biċċa l-kbira mill-Istati Membri, jekk mhux kollha, għall-istandards tal-ESCO	tajjeb madwar l-UE kollha u għall-benefiċċju tal-Istati Membri kollha fuq livell nazzjonali	tajjeb madwar l-UE kollha u għall-benefiċċju tal-Istati Membri kollha fuq livell nazzjonali
Sabiex titpoġġa informazzjoni bażika disponibbli fuq in-netwerk tal-EURES għal kwalunkwe persuna li qiegħda tfittex ix-xogħol jew li tħaddem in-nies magħha f'kull parti tal-Unjoni li tkun qiegħda tfittex servizzi ta' klijenti għar-reklutaġġ, kif ukoll li kwalunkwe persuna interessata tiġi offruta aċċess konsistenti għan-netwerk tal-EURES	Newtrali 0 L-isforzi individwali għall-mainstreaming mistennija jissoktaw skont il-ħtiġijiet nazzjonali u l-istruttura organizzattiva	Newtrali 0 L-isforzi individwali għall-mainstreaming mistennija jissoktaw skont il-ħtiġijiet nazzjonali u l-istruttura organizzattiva	Pożittiva + Trattament ugwali tal-ħaddiema u ta' dawk li jħaddmu, kif ukoll approċċ komuni fuq informazzjoni bażika u dwar min għandu jingħata aċċess għan-netwerk tal-EURES madwar l-UE	Pożittiva + Trattament ugwali tal-ħaddiema u ta' dawk li jħaddmu, kif ukoll approċċ komuni fuq informazzjoni bażika u dwar min għandu jingħata aċċess għan-netwerk tal-EURES madwar l-UE
Sabiex tingħata assistenza lil kwalunkwe persuna interessata bi tqabbil, kollokament u reklutaġġ permezz tan-netwerk tal-EURES	Newtrali 0 L-isforzi individwali sabiex jiġu pprovduti servizzi ta' appoġġ għall-mobilità skont l-interpretazzjoni nazzjonali mistennija jissoktaw	Newtrali 0 L-isforzi individwali sabiex jiġu pprovduti servizzi ta' appoġġ għall-mobilità skont l-interpretazzjoni nazzjonali mistennija jissoktaw	Pożittiva + Trattament ugwali tal-ħaddiema u ta' dawk li jħaddmu, kif ukoll definizzjoni komuni tal-ambitu tas-servizzi ta' appoġġ għall-mobilità li jistgħu jirċievu	Pożittiva + Trattament ugwali tal-ħaddiema u ta' dawk li jħaddmu, kif ukoll definizzjoni komuni tal-ambitu tas-servizzi ta' appoġġ għall-mobilità li jistgħu jirċievu
Sabiex jiġi appoġġjat il-funzjonament tan-netwerk tal-EURES permezz ta' skambju ta' informazzjoni dwar in-nuqqas u l-eċċess ta' xogħol nazzjonali u li jiġu kkoordinati l-azzjonijiet fl-Istati Membri	Newtrali 0 Il-possibbiltà li jibnu fuq l-approċċ komuni dwar l-ipprogrammar skont id-Deċiżjoni tal-2012	Newtrali 0 Il-possibbiltà li jibnu fuq l-approċċ komuni dwar l-ipprogrammar skont id-Deċiżjoni tal-2012	Pożittiva + Qafas komprensiv dwar l-iskambju ta' informazzjoni u l-koordinazzjoni tal-attività tal-EURES	Pożittiva ħafna + Qafas komprensiv dwar l-iskambju ta' informazzjoni u l-koordinazzjoni tal-attività tal-EURES L-assigurazzjoni ta' dejta addizzjonali wara l-ftehimiet ta' sħubija mal-

				parteċipanti ewlenin tal-PrES fil-livell tal-UE
Effettività	0	+	++	- Preokkupazzjonijiet relatati mar-rwol tal-Kummissjoni u r-relazzjoni bejn il-Kummissjoni u Stati Membri individwali
Spejjeż	Ebda spiża addizzjonali	Ebda spiża addizzjonali	Spejjeż addizzjonali għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni	Spejjeż addizzjonali għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni

L-għażliet 3 u 4 biss sejrin jipproduċu effetti pożittivi addizzjonali. Bl-għażla 4, il-probabbiltà ta' tali effetti hija ferm ogħla, minħabba s-sitwazzjoni ta' kif jista' jinfetaħ in-netwerk tal-EURES. Madankollu, f'dan l-istadju tal-iżvilupp tal-EURES bħala għodda għall-funzjonament tas-swieq tax-xogħol Ewropej, l-implimentazzjoni tal-għażla 4 tinvolvi sensiela ta' preokkupazzjonijiet relatati mar-rwol tal-Kummissjoni u r-relazzjoni bejn il-Kummissjoni u Stati Membri individwali. Filwaqt li din l-għażla ma tistax tiġi eskluża għall-ġejjieni, f'din il-forma jew f'forma kemmxejn differenti, huwa meqjus bħala prudenti li l-ewwel tiġi implimentata riforma komprensiva tal-EURES u mbagħad, wara analiżi, tiġi vvalutata l-ħtieġa għal soluzzjoni aktar integrata. Konsegwentement, l-għażla 3 hija meqjusa bħala l-aktar waħda effettiva u, għaldaqstant, bħala l-aħjar għażla.

7. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

L-arranġamenti eżistenti għall-ġbir tad-dejta u l-iskambju ta' informazzjoni fi ħdan in-netwerk tal-EURES dwar il-kontribuzzjonijiet, ir-riżultati u l-eżiti sejrin jissaħħu. Bil-għan li jiġi rrinforzat il-ġbir tad-dejta dwar ir-riżultati u l-eżiti, għandu jkun hemm sett ta' indikaturi komuni, li jżidu mas-sorsi tad-dejta eżistenti, bħar-rapporti ta' kull xahar imsemmija fuq, sorsi ġodda, bħal pereżempju sondaġġi dwar is-sodisfazzjon tal-klijenti żviluppati fil-livell nazzjonali. L-iżviluppi fi ħdan il-PES, fosthom l-operazzjonijiet ta' effiċjenza u mmodernizzar, sejrin jiġu mmonitorjati permezz tal-attivitajiet tan-netwerk tal-PES u l-programm ta' tagħlim reċiproku "Djalogu bejn is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi". Barra minn hekk, hija prevista l-inklużjoni fuq l-iżvilupp tal-EURES fi ħdan il-PES, b'mod partikolari fir-rigward tal-mainstreaming tas-servizzi tal-EURES. Bl-użu tal-informazzjoni miġbura kif xieraq, il-Kummissjoni sejra tissottometti rapport ta' implimentazzjoni kull sentejn. Ħames snin wara l-adozzjoni tar-Regolament il-ġdid, għandha titwettaq evalwazzjoni ex-post li tiddiskuti l-effettività tal-istess regolament.